**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1032/97

Dottor Emmanuel George Cefai LL.D.

vs

L-Awtorita` ta' l-Ippjanar

Illum 31 ta’ Jannar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fiz-zmien ossija zminijiet taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn drittijiet vantaggi u/jew beneficcji li fl-istess zmien inghataw lil terzi filwaqt li gew negati lilu u dan bi pregudizzju serju ghalih.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn :

Illi fiz-zmien fuq indikat huwa kien applika ghall-hrug ta' 'building permits' lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar f' Ghawdex u minkejja illi l-istess applikazzjonijiet kienu jaqghu gol-linja ta' l-izvilupp kien hemm dewmien esagerat fil-hrug ta' l-istess permessi.

Inoltri dan l-atteggjamanet generali ta' l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar kien wiehed negattiv fil-konfront tar-rikorrent meta fil-kaz ta' terzi inghataw binijiet b' sulari diversi fi zmien iqsar u b' mod aktar vantaggjuz ghalihom.

Illi dan l-agir kollu inkulka fir-rikorrent trawmi psikologici li wassluh biex sahansitra ma japplikax ghal certi applikazzjonijiet fuq hwejgu - fejn terzi ohra - u sahansitra gol-arei barra mid-Development Zones rnexxilhom b' xi mod jottjenu permessi biex jibnu ghal xi raguni jew ohra.

Illi dan it-trattament differenti min-naha ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar johrog car mill-fatt li filwaqt li meta r-rikorrent applika ghall-permessi fid-Development Zone f' Ghawdex kien hemm dewmien esagerat kif ukoll diffikoltajiet min-naha ta' l-Awtoritajiet u/jew ta' l-ufficjali taghha - f' diversi siti f' Ghawdex - sahansitra gol- "village core" ossia "Urban Conservation Area" saru binijiet go bini li kien gholi numru ta' sulari u wara li sar dan il-bini gie gholi diversi sulari f' certi drabi *numru multiplu ta' sulari ta' dawk originarjament ezistenti.*

Illi issa huwa sens komun illi trattament bhal dan lil certi terzi zgur li jdahhal f'mohh min applika ghall-permessi semplici go Development Zone *li mhux Urban Conservation Area* - u li ghall-affarijiet tant zghar ghadda minn daqstant diffikoltajiet - li jkun futili ghalih li japplik jew jaspira li japplika ghall-permessi li nhargu lil terzi u/jew li gew koncessi u/jew permessi lil terzi.

Ghalhekk mhux biss dan serva biex terzi hadu vantagg fuq ir-rikorrent; imma minhabba f' hekk ir-rikorrent ma tefghax certi applikazzjonijiet fuq propjeta` tieghu li alternattivament inghataw lil terzi ohra imma illi hu bi hsieb logiku kien personalment u soggetivament jahseb u kien personalment u soggettivament jinferixxi illi ma kinux ser jinghataw u/jew li kien ser ikollu hafna diffikultajiet biex jinghatawlu.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jaghmel ir-rikors odjern u jaddivieni ghall-prezenti tribunal sabiex minghandu jottjeni dik il-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti illi r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant huwa talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma' u jaqta' dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji billi:

a. jordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar illi tippermetti lir-rikorrent li japplika lilha ghal dawn il-permessi u

b. jordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar tassigura bil-miktub illi l-istess permessi, vantaggi u/jew beneficcji ohra li diga` nghataw lil terzi jinghataw lilu meta japplika - b' mod ghalhekk illi l-permessi mitluba mill-applikant jigu milqugha u

c. jordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar tassigura bil-miktub li ghall-futur ir-rikorrent ma jirrizulta fl-ebda zvantagg di fronte ta' terzi ghal kwalsiasi cirkostanza.

U oltre dan jithallas kumpens f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef liri maltin (LM 5000) lir-rikorrent skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-awtorita` intimata li eccepiet illi:

Illi dan l-ilment tar-rikorrent jidher li hu generali fis-sens li qed jippretendi li kull fejn japplika l-istess rikorrent ghandu jinghata permessi ab initio.

Ghar-rigward l-ewwel talba, l-Awtorita` dejjem tippermetti lil kulhadd li jista' japplika u din it-talba saret inultimet.

Ghar-rigward it-tieni talba din hi purament vessatorja, fejn l-istess rikorrent jippretendi minn dan it-Tribunal fiat li kull applikazzjoni li jista' jaghmel ghandha tinghata.

Ghar-rigward it-tielet talba din hi aktar u aktar vessatorja ghax l-istess rikorrent jippretendi li jkollu minn issa certifikat ta' immunita` inkondizzjonat li ma jkunx zvantaggjat ghal kwalsijasi cirkostanza anki jekk gustifikata.

Illi oltre dan (u hawn mhux qed jispecifika ebda ilment li gara) jippretendi li jithallas ukoll sa l-ammont ta' LM5000 ghal xi raguni mhux precizata, haga li mhiex permissibbli.

Ghaldaqstant l-Awtorita` talbet li l-istess talbiet tar-rikorrent ma jintlaqghux stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tal-awtorita` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni hi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita’ tal-Ippjanar ghax ir-rikorrent ma specifikax ghall-liema permess qieghed jirreferi. Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal trid tohrog mill-artikolu 6 (1) u f’dan il-kaz sub-artikolu (d) li

jitkellem dwar il-permessi mehtiega bil-ligi. Skond l-artikolu 7 ta' l-Att VIII tal-1997 ir-rikors ghandu jkun fih dikjarazzjoni dwar il-fatti li fuqhom ikun imsejjes…. L-Awtorita' intimata issostni li r-rikors hu null minhabba li hu genereriku u ma jaghmel ebda referenza ghall-ebda applikazzjoni ghal hrug ta' permess partikolari. Irrizulta mir-rikors li hu tkellem b'mod generiku. Hu essenzjali li fir-rikors promutur ir-rikorrent ghandu jispecifika fiex tikkonsisti l-allegata ingustizzja. Ghalhekk irid ikun hemm ilment specifiku.

It-Tribunal ihoss li l-iskop ta' l-Att VIII tal-1997 ma kienx li jitkellem dwar ilmenti b'mod generali izda b'mod specifiku u dirett. Ilment irid ikun dwar allegata ingustizzja imgarrba b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Mill-lokuzzjoni wzat mill-ligi hu car li l-ilment irid ikun jirreferi ghal xi ingustizzja specifika minn xi persuna li ghaliha japplika l-Att dwar xi wiehed mill-aspetti msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) li f'dan il-kaz jirreferi ghal permessi mehtiega.

Wiehed jista' jkompli jara li t-talba tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha fil-ligi anke mit-talba stess. Infatti ir-rikorrent talab li t-Tribunal jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar li tippermetti lir-rikorrent li japplika lilha ghal permessi u jordna lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar tassigura bil-miktub illi l-istess permessi, vantaggi u/jew beneficcji ohra li diga` nghataw lil terzi jinghataw lilu meta japplika - b' mod ghalhekk illi l-permessi mitluba mill-applikant jigu milqugha. It-talbiet tar-rikorrent huma vagi

b'mod li lanqas huma specifikati l-applikazzjonijiet li ghamel ir-rikorrent. Certament ilment ta' din in-natura mhux ta' kompetenza tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li l-ilment jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.*** Jillibera lill-Awtorita` intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra r-rikorrent.